# Il-Knisja Filjali ta' Marija Bambina Ġewwa Birkirkara

mill-Kan. Anton Mallia



Fost il-ħafna knejjes li nsibu f'beltna Birkirkara, insibu knisja li jien ninumeraha waħda mill-isbaħ. Din hija l-knisja dedikata lill-Madonna Bambina. Din tinsab fl-inħawi l-aktar antiki magħrufa bħala Ħas-Sajjied. L-istorja teħodna lura fi żmien meta l-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dużina, delegat tal-Papa, ġie mibgħut Malta biex jagħmel rapport fuq il-qagħda tal-Kleru u tal-knejjes tagħna. Dan kien fl-1575. Hu jitkellem fuqha u jgħid li din il-knisja kellha bżonn tiswijiet neċessarji. Imiss magħha kien hemm ċimiterju u knisja ikbar idedikata lil San Leonardu. Skond l-istess viżta din il-knisja kienet nieqsa mill-affarijiet meħtieġa għas-servizz liturġiku. Fis-sena 1618 ħareġ digriet biex ma tibqax issir

qima pubblika u dak kollu li kien hemm kellu jgħaddi għall-knisja l-oħra li kienet tmiss magħha. Pero' xorta waħda baqgħet taqdi lin-nies ta' l-inħawi. Ġara li quddiem dawn iż-żewġ knejjes infetħet barriera kbira u b'digriet ta' 12 ta' Ġunju tal-1655 il-knisja tal-Vitorja kellha tinħatt sal-pedamenti biex joħroġ il-ġebel meħtieġ mill-bariera ħalli tkompli tinbena l-Knisja l-Qadima. Għalhekk il-knisja ġet ipprofonata fl-1659. Insibu li ngħalqet il-barriera u reġgħet inbniet il-knisja tal-Vitorja fuq l-istess pedamenti. Bejn is-snin 1724 u 1736 reġgħet inbniet fl-arkitettura sabiħa kif nafuha llum bi stil barokk moderat u b'koppla fuq erba ħnejjiet u arzella li żżejjen l-altar. Dak iż-żmien kienu jsejħulha "la rotunda". F'dak iż-żmien li qed nitkellmu fuqu, il-knisja ma kellhiex sagristija imma kien hemm passaġġ li jgħaqqad triq ma' oħra. Fuq dan il-passaġġ inbniet is-sagristija fl-1860. Iżda ġara li benefattur, Pawlu Borġ, b'radd ta' ħajr għall-grazzja li kien qala', ħallas biex inbena l-kampnar ewlieni. Dan kien fl-1895. Wara dan iż-żmien kollu inħass il-bżonn li s-sagristija tikber. Għal dan il-għan inxtrat dar li kienet tmiss mas-sagristija u ġiet imniffda.

Din il-knisja hi mżejna b'inkwadri mill-isbaħ fosthom it-titular vera artistiku li għalkemm ma nafux id-data u min pittru jidher li sar minn artist tajjeb possibbilment viċin l-1770. Fih ix-xbieha ta' Marija tarbija ta' twelid miżmuma minn mara u mgħejjuna minn xi nisa oħra u l-anġlu nieżel għal fuqha iżomm kuruna. Jidhru wkoll Sant' Anna u San Ġwakkin. Il-Kwadru għandu madwaru gwarniċ bi skultura tal-ġebel. L-altar huwa xogħol mill-ifjen ta' rħam prezzjuż.



L-istatwa titulari hija ta' Marija Bambina, xogħol ta' Ġużeppi Ċilia assistent ta'

Karlozzu Darmanin. L-istatwa hi mżejna b'raġġiera tal-fidda maħduma minn Marjanu Pace fuq disinn ta' Anthony Parnis. L-istatwa titpoġġa fuq bankun tal-ġewż skolpit mogħti minn Goerge Fenech, kif ukoll erba' gastri tal-fidda bi fjuri tal-granutell. Fl-1962 fuq inizzjattiva ta' Stella Pace saret il-kuruna tal-filugranu tad-deheb. Fost id-diversi statwi li nsibu hemm San Ġużepp u l-Madonna tas-Sacro Cuor xogħol Ġużeppi Cilia, kif ukoll statwa ta' Marija Addolorata li saret fuq inizzjattiva ta' Helen Attard u Speditu Camilleri.

F'din il-knisja nsibu wkoll paviment sabiħ li sar fuq inizzjattiva ta' Dun Anton Buġejja li dak iż-żmien kien jieħu ħsieb il-kura ta' l-erwieħ, kif ukoll ħadem biex żejjen il-knisja kif narawha fi żmien il-festa.

Jekk induru dawra fil-kampnari insibu li hemm erba' qniepen, il-kbira fosthom Marija Bambina li saret f'Awissu 1965 u mogħtija minn Modesta Borġ. Insibu wkoll Michelina tad-ditta John Taylor, kif ukoll Helena ta' l-istess ditta u l-aħħar waħda l-Antika li saret fl-1909. Dawn il-qniepen ħallsu għalihom Emanuel Calleja kif ukoll Carmelo Borġ.

Ma rridx inħalli barra lil Marjanna Calleja li fl-1995 irregalat lill-knisja artal u ambone maħdum minn Carmelo Mangion u Salvu Buġeja.

Din il-knisja ġiet ikkonsagrata fid-19 ta' Settembru 1944, minn Mons. Isqof Emanuel Galea.

Fil-ġranet tal-festa, bħal kull knisja oħra f'Birkirkara, din il-knisja filjali ddedikata lil Marija Bambina tkun armata bl-isbaħ armar li jixraq lid-dar ta' Alla. Naturalment l-istatwa titulari tkun esposta għall-qima tal-Karkariżi u mżejna b'mant tad-damask ikħal u b'raġġiera tal-fidda. Kif ukoll ma rridx inħalli barra l-artal prinċipali imżejjen b'gandlieri skolpiti indurati kif ukoll diversi opri oħra ta' valur.

Naturalment ma rridx inħalli barra lil dawk kollha li b'imħabba lejn dan it-tempju u b'dedikazzjoni ħadmu biex taw l-enerġija



tagħhom. Fost dawn insemmi lil Emanuel u ibnu Speditu Camilleri, Carmelo Buhagiar, Ġużeppi Buhagiar, Ġużeppi Buhagiar, Ġużeppi Buġeja, Salvu Debono, kif ukoll lill-aħwa Karlu u Ġużeppi Grima li jinsabu l-Awstralja. Illum bħala sagristan insibu lil Keith Gatt li b'imħabba sa meta kien żgħir baqa' jagħti l-għajnuna tiegħu kemm matul is-sena kif ukoll fil-festa.

Nispera li minn dan l-artiklu stajtu taraw dak kollu li jagħmel il-knisja tal-Vitorja dik li hi llum. Minn qalbi nizzihajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom biex din il-knisja tiffunzjona għall-qima t'Alla u lejn Marija Bambina. Nixtieq ukoll minn dan l-artiklu niżżiħajr lid-direzzjoni tal-Programm għall-ispazju li tawni kif ukoll nawgura l-festa tajba lill-Karkariżi kollha.



Kan. Anton Mallia

